MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2008

Rikors Numru. 12/2005/1

**Gaetano Attard**

**vs**

**Kummissarju tal-Artijiet**

Il-Bord;

Ra r-rikors ta’ Gaetano Attard li jghid hekk:

Illi b’ittra ufficjali tad-29 t’April, 2005 notifikata fuq ir-rikorrent fil-5 ta’ Mejju, 2005 notifikata fuq ir-rikorrent fil-5 ta’ Mejju 2005 l-intimat ghall-finijiet u effetti ta’ l-Artikoli 22 tal-Ordinanza tal-Akkwist ta’ l-Artijiet ghall-skopijiet pubblici irriferija ghall-Avviz tal-Gvern Nru. 890 ippublikat fil-Gazzetta tal-Gvern tad-9 t’Awissu 2004 ghax-xiri assolut bhala liberu u frank tal-bicca art Haz-Zebbug tal-kejl ta’ madwar 705 metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana ma’ triq pubblika, minn Nofsinhar ma’ propjeta’ ta’ Joseph

Chirchop u mill-Lvant ma’ propjeta’ ta’ Joseph Bonnici u li minnha r-rikorrenti ghandha porzjoni ta’ circa 253 metri kwadri, liema porzjon hija mmarkata bhala 1D fuq il-pjanta annessa u mmarkata Dok A ma’ l-istess ittra ufficjali, u offra lir-rikorrenti bhala kumpens ghax-xiri assolut ta’ l-istess propjeta’ s-somma ta’ hames t’elef u mitt lira maltin [Lm5,100] u dan skond stima tal-Perit Arkitett Carmen V. Sutton.

Illi r-rikorrenti trid tikkontesta l-ammont lilha offert bhala kumpens billi dan mhux adegwat u ma jirriflettax il-valur ta’ l-istess propjeta’ skond il-ligil; illi r-rikorrenti tippretendi li l-kumpens gust ghall-istess propjeta’ lilha appartenenti huwa ta’ mija u tnejn u ghoxrin elf lira maltija [Lm122,000] u dan billi l-art f’dik l-inhawi qieghda tigi trasferita b’rati simili u sahansitra anke l-Awtorita’ pubblika stess kienet involuta f’kuntratti fejn il-prezz kien kif pretiz mir-rikorrenti.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Bord joghgbu jiffissa bhala kumpens ghal propjeta’ fuq imsemmija appartenent lir-rikorrent li qed tigi mill-intimat espropjata ghall-uzu pubbliku tat-titolu ta’ xiri assolut s-somma ta’ mija u tnejn u ghoxrin elf lira Maltija [Lm122,000] u dan flimkien ma’ l-imghax kif stabbilit mill-ligi mid-data li l-istess Awtorita’ Pubblika hadet pussess ta’ l-art fuq imsemmija u bl-ispejjez tal-prezenti istanza.

Ra r-risposta tad-Direttur ta’ l-Artijiet li tghid;

Illi l-esponent gie notifikat bir-rikors iddatat 11 ta’ Mejju 2005 fl-ismijiet fuq imsemmija fejn ir-rikorrent oggezzjona ghall-valur offrut lilu mill-Gvern ta’ hamest’elef u mitt lira Maltin [Lm5,100], ghax-xiri assolut bhala liberu u frank ta’ bicca art gewwa Haz-Zebbug tal-kejl ta’ 705 metri kwadri li minnha r-rikorrent ghandu sehem ta’ cirka 253 metri kwadri u qieghed jippretendi illi l-kumpens gust ghandu jkun dak ta’ mija u tnejn u ghoxrin elf lira Maltin [Lm122,000];

Illi l-esponent jixtieq jinforma lil dana l-Onorabbli Bord illi l-ammont offrut mill-Gvern u cioe dak citat fl-ittra ufficjali

tieghu datata 29 t'April 2005 huwa ta' disat'elef Lira Maltin [Lm9,000] u mhux hamest'elef u mija [Lm5,100] hekk kif ikkwotat fir-rikors tar-rikorrenti.

Illi l-esponent qieghed jibqa jsostni illi l-valur gust tal-art huwa dak fuq citat, u cioe, l-ammont ta' disat'elef Lira Maltin [Lm9,000] u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tar-rikors.

Ghaldaqstant l-esponent qieghed jitlob illi dana l-Onorabbli Bord joghgbu jiffissa l-ammont ta' disat'elef Lira Maltin [Lm9,000] bhala l-kumpens gust illi ghandu jithallas lir-rikorrent ghall-esproprijazzjoni tal-art fuq imsemmija.

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidra:

Illi l-Bord kien assenja biex jassistuh lill-periti arkitetti l-AIC Godfrey Vella u AIC Renato Laferla u li dawn ghamlu relazzjoni kongunta li hija annessa bhala parti integrali minn din is-sentenza. Illi fil-paragrafu konklussiv tar-relazzjoni taghhom il-periti membri tal-Bord qalu b'mod unanimu hekk:

Wara li hadu in konsiderazzjoni l-fatturi kollha li huma hassew li setghu jaffettwaw il-kaz, is-sottofirmati ikkonkludew illi l-kumpens gust li ghandu jithallas ghal dan l-espropriju huwa l-ammont ta' Lm121,440 (Mija u Wiehed u Ghoxrin Elf, Erbgha Mija u Erbghin Liri Maltin).

Illi l-ammont ta' Lm121,440.00 illum huwa ekwivalenti ghall-Euro 282,879.11

Illi l-perit arkitett tad-Direttur tal-Artijiet, l-AIC Carmen V. Sutton, kienet waslet ghall-istima irruzorja ta' Lm9000.00 filwaqt li r-rikorrenti kien ottjena stima mill-perit arkitett tieghu fl-ammont ta' Lm89,000, izda ai termini tal-artikolu 25(5) tal-Kap 88, la darba l-membri teknici tal-Bord ikunu

waslu ghal valutazzjoni unanima c-Chairman ghandu jakkolji dik il-valutazzjoni u jiddetermina l-kawza fuq dak il-valur;

Ghalhekk il-Bord jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jiffissa l-kumpens xieraq dovut lilu ghat-trasferiment ghax-xiri assolut bhala liberu u frank tal-bicca art f'Haz-Zebbug tal-kejl ta' madwar 705 metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana ma' triq pubblika, minn Nofsinhar ma' propjeta' ta' Joseph Chirchop u mill-Lvant ma' proprjeta' ta' Joseph Bonnici u li minnha r-rikorrenti ghandu porzjoni ta' circa 253 metri kwadri, liema porzjon hija mmarkata bhala 1D fuq il-pjanta annessa u mmarkata Dok A ma' l-istess ittra ufficjali, liema art qed tkun dikjarata fabbrikabbli, fl-ammont ta' **Euro 282,879**.11 oltre l-imghax legali ai termini tal-artikolu 12(3) tal-Kap 88.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------